

# Il-Ħamrun u dawk eleġġibbli biex jivvutaw fl-elezzjonijiet

**Nigel Vella**

Id-dritt li wieħed jivvota fl-elezzjonijiet li seħħew f'pajjiżna, ma kienx minn dejjem daqshekk sempliċi bħal mhu llum. Illum, persuni li jagħlqu t-18-il sena huma eleġġibbli li jivvutaw b'mod awtomatiku fl-elezzjonijiet Ġenerali, filwaqt li dawk li għandhom 16-il sena jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u l-Parlament Ewropew.

Iżda qabel dan ma kienx il-każ, għal numru sew ta' żmien, biex persuna setgħet tivvota, ried ikollha numru ta' kriterji fosthom propjetà u livell intellettwali filwaqt li n-nisa ma kellhomx id-dritt tal-vot, qabel l-1947. Dawn iż-żewġ aspetti huma minn fost numru ta' prerekwiżiti differenti li kienu jinbidlu ma' għotjiet ta' kostituzzjonijiet ġodda lill-pajjiżna mill-kolonjaturi Inglizi.

F'dan l-artiklu se nkunu qed nanalizzaw u naraw in-numru ta' nies eleġġibbli sabiex jivvutaw fil-Ħamrun. Dan l-eżerċizzju jista' jxidd anke dawl fuq il-ħajja soċjali tal-Ħamrun u fuq kollox jagħti lok li wieħed jifhem il-profili soċjali tal-Ħamruniżi.

Fl-1881, il-Ħamrun jidher fil-gazzetta tal-Gvern għall-ewwel darba bħala 'Ħamrun' u minn dak li jidher f'dn il-gazzetta, f'dik is-sena kien hemm 39 persuna mill-Ħamrun li kienu eleġġibbli sabiex jivvutaw.

Hawn isfel tidher tabella li juri n-numru ta' nies li setgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-ħatra tal-Kunsill tal-Gvern u l-Assembleji Leġislattivi, f'Malta, fil-Ħamrun u l-persentaġġ ta' dawk eleġġibbli meta wieħed iqabbel l-iskala Nazzjonali ma' dik Ħamruniża, sa qabel il-bidu tat-tieni Gwerra Dinjija.

| SENA TAL-ELEZZJONI | ELEĠĠIBLI MALTA | ELEĠĠIBLI ĦAMRUN | PERSENTAĠĠ (%) |
|---|---|---|---|
| 1883 | 10637 | 152 | 1.43 |
| 1888 | 9696 | 150 | 1.55 |
| 1889 | 9777 | 150 | 1.53 |
| 1892 | 10592 | 143 | 1.36 |
| 1895 | 10426 | 156 | 1.50 |
| 1898 | 9863 | 199 | 2.01 |
| 1921 | 27104 | 1643 | 6.06 |
| 1924 | 27104 | 1830 | 6.75 |
| 1927 | 44089 | 1443 | 3.27 |
| 1932 | 52610[1] | 2475[2] | 4.70 |

*Numru ta' persuni eleġġibbli sabiex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Gvern u Assembleji Leġislattivi*

Fl-1849, Malta ngħatat kostituzzjoni ġdida fejn fiha ġie maqbul li pajjiżna jkollu Kunsill tal-Gvern magħmul minn 18-il membru. Dawk li setgħu jivvutaw taħt din il-kostituzzjoni kienu persuni li kellhom aktar minn 21 sena, li kienu jikkwalifikaw sabiex iservu bħala ġurati, li kellhom kondotta nadifa, li kellhom kompetenza fl-Ingliż jew it-Taljan u li kienu jdaħħlu 100 skud fis-sena minn kirjiet ta' propjetajiet li għandom jew

1 M. J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992, Storja – Fatti – Ċifri*, (Malta PIN 1992) 57-469

2 Gazzetti tal-Gvern; 1883,1888,1889,1892,1895,1898,1921,1924,1927 and 1932

« inkella dawk il-persuni li jħallsu nofs dak l-ammont huma f'kirjiet.

Taħt din il-kostitiuzzjoni, fl-1881, fil-Ħamrun, setgħu jivvutaw biss 39 jew inkella 1.21% ta' dawk eleġġibli li f'dik is-sena kienu 3,235.

| SENA TAL-ELEZZJONI | ELEĠĠIBLI MALTA | ELEĠĠIBLI ĦAMRUN | PERSENTAĠĠ (%) |
|---|---|---|---|
| 1921 | 3405 | 136 | 3.99 |
| 1927 | 5459 | 133 | 2.44 |
| 1932 | 7074 | 327 | 4.62 |

*Numru ta' persuni eleġġibli biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tas-senat*

L-aħħar elezzjoni li saret taħt l-istess obbligi u liġijiet tal-Kostituzzjoni tal-1849, kienet dik tal-1883. F'dik l-elezzjoni f'Malta kien hemm eleġġibli sabiex jivvutaw 10,000 filwaqt li fil-Ħamrun setgħu jixħtu l-vot tagħhom 152 ruħ.

Fl-1887, Malta ngħatat Kostituzzjoni ġdida, u għall-ewwel darba, fis-sena ta' wara, ġew maħluqa d-distretti elettorali. Dawk eleġġibli li jivvutaw kienu rġiel li għandhom aktar minn 21 sena u li kienu jħallsu jew jirċievu tal-inqas £6 f'kirjiet minn propjetajiet. Il-Kostituzzjoni kienet tipprovdi wkoll li kien hemm xi propjetajiet fuq isem il-mara ta' dak li jkun, dawn jgħaddu fuq l-irġiel tagħhom.

Elezzjonijiet taħt din il-Kostituzjoni baqgħu ssir sal-1903 meta f'dik is-sena pajjiżna ngħata kostituzzjoni oħra. Is-sitwazzjoni fil-Ħamrun, jew wieħed iħares lejn it-tabella ta' hawn fuq turi li s-sitwazzjoni baqgħet prattikament l-istess għajr għas-sena 1898 meta dawk eleġġibli tela' għal 199 meta l-medja kienet 150. Il-popolazzjoni tal-Ħamrun fl-1892 kienet tammonta għal 6,121 u għaldaqstant meta wieħed iqabbel l-ammont ta' persuni li jgħixu l-Ħamrun mal-ammont li setgħu jivvutaw dan ilaħħaq għal 2.34% tal-popolazzjoni sħiħa tal-Ħamrun. Dan jikkonferma kemm fil-Ħamrun kien hawn ħafna ħaddiema li d-dħul tagħhom kien relativament baxx.

Fl-1921, Malta ngħatat il-Kostituzzjoni tas-Self-Government fejn għall-ewwel darba l-poplu Malti u Għawdxi kien kmand tad-deċiżjonijiet fuq bażi lokali kollha. L-Inglizi kellhom dawk l-imsejjħa 'reserved matters' u kienu jieħdu taħt il-kontroll tagħhom id-deċiżjonijiet ta' affarijiet barranin u kellhom veto fuq kollox.

Taħt din il-Kostituzzjoni kien hemm żewġ kmamar Parlamentari, l-Assemblea Leġislativa u s-Senat. L-eliġġibilità biex persuna setgħet tivvota għall-elezzjonijiet tal-Assemblea kienu l-irġiel kollha ta' aktar minn 21 sena, li kienu kapaċi jaqraw u jiktbu u li kienu jħallsu jew jirċievu tal-inqas £5 f'kirjiet. Min-naħa l-oħra biex dak li jkun seta' jivvota fl-elezzjonijiet tas-Senat, kellhom l-istess kundizzjonijiet bħal tal-Assemblea bid-differenza li kienu jħallsu jew jirċievu f'kirjiet.

Fl-1921 il-popolazzjoni tal-Ħamrun kienet ta' 10,437, 5,081 minnhom irġiel u 2,422 minnhom kellhom aktar minn 21 sena.

Restrizzjonijiet akbar biex wieħed jivvota fl-elezzjonijiet tas-senat ovvjament fisser li jkun hemm inqas nies li setgħu jivuttaw.

Fil-Ħamrun, jekk wieħed jerġa' jislet l-eżempju tal-1921, u l-popolazzjoni tal-10,437, huwa ċar li kienu biss frazzjoni żgħira ħafna tal-Kommunità Ħamruniża li setgħet tivvota għas-senat u sussegwentament li kellha ċerti mezzi li għal dak iż-żmien kienu meqjusa bħala komda.

Wara li ġiet sospiża l-Kostituzzjoni fl-1933, il-poplu Malti u Għawdxi kellu jistenna sal-1947 biex tingħata Kostituzzjoni ġdida, fl-1947, dakinhar il-poplu Malti u Għawdxi kollu, inkluż in-nisa, setgħu jivvutaw f'dawn l-elezzjonijiet.


